# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-24 ta' Jannar 2011

## li taħtar tliet membri Svediżi u erba' membri supplenti Svediżi fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2011/55/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Europea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Svediż,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/EU u 2010/29/EU li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015 ([1]).

(2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Kent JOHANSSON, is-Sinjura Maria WALLHAGER NECKMAN u s-Sinjura Kristina ALVENDAL, saru vakanti s-siġġijiet ta' tliet membri fil-Kumitat tar-Reġjuni. Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sinjura Susanna HABY, is-Sur Bernth JOHNSON, is-Sur Jens NILSSON u s-Sinjura Ingela NYLUND WATZ, saru vakanti s-siġġijiet ta' erba' membri supplenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2015:

(a) bħala membri:

— Is-Sur Kent JOHANSSON, *Skara kommun*

— Is-Sinjura Britt-Marie LÖVGREN, *Umeå kommun*

— Is-Sinjura Jelena DRENJANIN, *Huddinge kommun*

u

(b) bħala membri supplenti:

— Is-Sur Martin ANDREASSON, *Västra Götalands läns landsting*

— Is-Sinjura Marie SÄLLSTRÖM, *Blekinge läns landsting*

— Is-Sinjura Marie-Louise RÖNNMARK, *Umeå kommun*

— Is-Sinjura Carin JÄMTIN, *Stockholms kommun*

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum meta tiġi adottata.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Jannar 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

FAZEKAS S.

([1]) ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22 u ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.